O-CP/PAP, 26.162

TIFHIR U TALP

LIL LACBAR FOST IL KADDISIN

# S. GIOVANNI BATTISTA

PRECURSUR TA GESU' CRISTU

BIESC JINGHAD FIL CHNISIA IMSEIHA IL GESU'

FIL BELT VALLETTA

*Fein issir disa tiem kabel il Festa*

DEVOTA NOVENA

U biesc toctor cullumchien il kima leih

MICTUB

*Mis-Sac. Dr. Ludovicu Mifsud Tommasi.*

MALTA

1853.

I.

O Glorius San GIUAN BATTISTA,
Precursur min ta Gesù,
Ahna ghandec nirricorru
Biesc tghallimna fil virtu.

Inti geit biesc tuitti it-triek
Ghala il migia tal Messia,
Int, iddiu, dit-triek urina
Sa biesc nimsciu ghal kdusia.

*Pater. Ave. Gloria.*

II.

Int fil giuf ta Lizabetta
Kbist bil ferh, ureit tgaudia,
Ec-chif smait il-lehen helu
Tal gran Omm Vergni Maria.

Min dal ferh, li fraht allura
Nitolbuc sehem tatina,
Biesc ingiarbu ahna plalec
Lil Maria Omm hec hanina.

*Pater. Ave. Gloria.*

III.

Int l'ulied min tal bnedmin
Sa mil bidu collha zbakt,
Ghasc Profeta tal gran Alla
Inti sirt kabel il uakt.

Phal Profeta linna uiddeb
Ghalesc ahna hec ghazzenin,
Illi scein mar-ridu naghmlu
Sa biesc nilhku mat-Taibin,

*Pater. Ave. Gloria.*

IV.

Phal Danieli, li mil-Liuni
B' ghageb cbir ma chiensc mimsus;
Hec mil kella tal ighdeua
Sciorti chellec tcun mehlus,

Chif imuettak ecda chmieni
Cont fil grazia tal kdusia;
Int hajarna li nisctieku
Ta dil grazia li gmiel uid-dia,

*Pater. Ave. Gloria.*

V.

Bl'uzu imzejen min tad-dehen
Sa fil hdan min t'Ommoc stess;
Adorait int l'Iben t'Alla,
Lilu tait f'kalbec puss ess.

Bit-talp tighec jekaf maghna
Biesc naghirfu dejem l'Alla,
U ghal ebda gid tad-digna
Dan il gid minna jithalla.

*Pater. Ave. Gloria.*

VI.

Chif cont tfajel chellec heila
Fost tbatia lizied cbira
Gio il ghirien min tad-desert
Haja tgheisc illi igib ghira,

Int il heila, iddeu, aghmlinna
Li ninfirdu min din l'art,
Halli im-makdru ahna phalec
Daca collu, li int makdart,

*Pater. Ave. Gloria.*

VII.

Daca lehnec phala raghda
Int sammait lil midimbin,
Li b'signal ta lacbar soghba
Chienu minnec imghamdin.

Linna lehnec ucol samma
Biesc nitbiddlu tabilhak,
Li bla indiema ma nidrusc
Mita jasal nar il hak,

*Pater. Ave. Gloria.*

VIII.

Stama il-lehen tal Missier,
Fegg l'Ispirtu tal Kdusia,
Mita minnec fil Giordan
Gesù ircieva il Maghmudia.

Biesc inghozzu dic il grazia,
L' irceveina chif tghammidna ;
Ghamel int li ahna incomplu
Dac, li l'Alla già ueghidna,

*Pater. Ave. Gloria,*

IX.

Ghasc biz-zelu inti cianfart
Lil Erodi dizonest ;
Biesc maktugha tigi rasec
Manigold giè feinec lest.

Il Curuna ta Kdusitec
Chif irbaht int dic inhar ;
Nitolbuc biesc takilghinna
B'haja taiba, u b'meut ahiar.

. *Pater. Ave. Gloria.*

ANTIPHONA

Puer, qui natus est nobis, plu quam Pupheta est: Hic est enim, de quo Salvator auc Inter natos mulierum non surrexit major Jonnis Battista.

V. Iste puer magnus coram Domino.

R. Nam est manus ejus cum ipso est.

## OREMUS

PRAESTA, quaesumus, omnipotens Deus ut hilia tuam per viam salutis sncedat, et eum, sum pradixit, secura perveniat. Dominnm nostrum Jesum Christum Filium tuum: Qui sum vivit, regnat ect.

R. Amen:

*Izda inhar il festa jinghad dan.*

## OREMUS

DEUS, qui praesentem diem honorabilem tuis in Beati Joannis Nativitate fecisti: da poplis tuis spiritualium gratiam gaudiorum, et innium Fidelium mentes dirige in viam salutis eternae.

Per Dominum Nostrum etc. R. Amen.

---

*L' Eccmu u Revmu Mons. D. FRANGISCU SAVERIU CARUANA Iskof taghna, u Arciiskof ta Rodi jati erbghin giornata Indulgenza lil min igheid bil kalb din il Curunella b'degriet mahrug iltmintasc ta Meju ta l' elf tmien mia hamsa u tletin.*